MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Appell Civili Numru. 130/2010/1

**Avviz Numru : 130/2010/CSH**

**Mediterranean Building Finishes Limited (C 13077)**

**vs**

**Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia, f'isimhom proprju u f'isem u in rappresentanza tas-socjeta' Far-Fetched Media Limited (C 23558)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-23 ta' Novembru 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"Il-Qorti,***

*Rat illi s-socjeta' attrici pprezentat rikors fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' April 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' tmint elef u wiehed u tletin ewro u sittax-il centezmu (€8,031.16) liema somma tinkludi l-VAT relattiv, rapprezentanti il-bilanc ta' prezz ta' xoghlijiet u servizzi li gew ezegwiti mill-istess socjeta' attrici fuq inkarigu u ghall-beneficcju taghhom fil-proprjeta' bl-isem ta 'The Studios' gewwa Mdina Road, Zebbug.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali numru 4823/09 tat-3 ta' Settembru 2009 u bl-imghax dekorribli b'effett mill-5 ta' Marzu 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuti pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-18 ta' Gunju 2010 fejn eccepew issegwenti:*

*1. Illi fl-ewwel lok jigi eccepit li l-konvenuti Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia qatt ma kellhom relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u konsegwentement ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

*2. Illi fit-tieni lok, din il-kawza hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili Kap 16.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak eccepit in rigward il-konvenuti konjugi Farrugia u l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, fil-mertu jigi eccepit illi x-xoghlijiet maghmula ma kienux tal-kwalita' pattwita u skont is-sengha u l-arti u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

***Keith Camilleri** xehed fil-jum tal-10 ta' Jannar 2011 u kkonferma li ftehim bil-miktub bejn is-socjetajiet kontendenti ma kienx hemm. Effettivament qal li kien hemm ftehim verbali u sussegwentement is-socjeta' attrici kienet baghtet stima permezz ta' e-mail. Ix-xoghol effettivament kellu jsir Haz-Zebbug u tenna li kien jaf illi l-post kien ha jintuza bhala TV station. Ikkonferma li kien jaf lil Andrew Farrugia qabel ma saru ix-xoghlijiet mertu tal-kawza odjerna. Kien jafu l-Exiles pero' mhux fuq negozju.*

*Kien jaf pero' li Smash Television kien tieghu ghalkemm Keith Camilleri qal li personalment qatt ma ghamel xoghol ghalih u qal li lanqas is-socjeta' attrici ma qatt tat xoghol ta' reklamar lil Smash Television. Sostna pero' li huwa mhux Direttur tal-kumpanija attrici Mediterranean Building Finishes Ltd. Jaf illi xi hmistax-il sena ilu s-socjeta' Mediterranean Building Finishes Ltd kienet ghamlet xi xoghol ta' reklamar tramite Andrew Farrugia.*

*Keith Camilleri kkonferma illi huwa minnu li parti mill-prezz ta' Dok. X kellu jithallas permezz ta' bartering ta' reklamar fuq il-Family TV u qal li kien iltaqa' kemm mas-Sur Farrugia, kif ukoll mal-mara tieghu u ma' certu Vince Mifsud fuq dan ix-xoghol. Fil-fatt l-istima li kien baghat lis-Sur Farrugia kien baghathielu l-Family TV ghax kien jaf li dan ix-xoghol kellu x'jaqsam mal-Family TV. Ix-xoghlijiet in kwistjoni damu ghall-perjodu ta' xahrejn. Tul dawn ix-xahrejn Andrew Farrugia qatt ma semmielu s-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Qatt ma kien sema' biha f'dan il-perjodu. Huwa kien taht l-impressjoni li Family TV kien stazzjon bhall-MTV. Ex admissis qal li lil Andrew Farrugia kien jafu bhala l-boss tal-kumpanija.*

***Keith Camilleri** rega' xehed nhar il-11 ta' Mejju 2011 fil-kapacita' tieghu ta' project manager tas-socjetà attrici u sostna li huwa kien involut fix-xoghol li sar Haz-Zebbug u segwih sa mill-bidu nett meta effettivament kien hareg l-istima fuq imsemmija. Ikkonferma illi ghan-nom tas-socjeta'*
*attrici kien ftiehem ma' Andrew Farrugia li kien ser jithallas tax-xoghol permezz ta' barter. Dan kien ifisser illi x-xoghol li kien se jsir mis-socjetà attrici kellu jiġi pacut ma' xogħol ta' advertising tal-istess socjetà Mediterranean Building Finishes Limited fuq l-istazzjon Family TV, propjetà ta' Andrew Farrugia.*

*Keith Camilleri tenna illi dan il-ftehim kien sar man mano li kien qed isir ix-xoghol u sussegwentement hareg kont lis-socjetà Far-Fetched Media Limited u kien qata' parti mill-kont minhabba l-barter li semma aktar kmieni. Dan il-kont huwa dak esebit fl-atti mmarkat bhala dokument "X" a fol. 11 et sequitur. Il-kont kien mahrug lill-Familja Channel.*

*Jghid illi qatt ma kien sema' bis-socjetà Far-Fetched Limited sa dak iz-zmien li hareg dan il-kont . Il-kont in kwistjoni jgib id-data 5 ta' Marzu 2008. Fuq il-parti ta' wara ta' dan il-kont hemm imsemmi l-istess barter li semma' aktar kmieni, liema barter kien jammonta ghas-somma ta' elfejn ewro (€2,000).*

*Wara beda jitlob lil Andrew Farrugia sabiex jaghmel il-pagament dovut. Andrew kien jitolbu biex itih iz-żmien. Lilu Andrew qatt ma semmielu kumpaniji. Fil-fehma tieghu Family TV huwa stazzjon fuq it-television u fid-dealings taghhom dejjem issemmiet il-Family TV.*

***In kontro-ezami Keith Camilleri** qal li huwa qatt ma kien ra d-dokument li jinsab inserit fl-atti a fol 33. Ikkonferma pero' li l-barter kien sar, ghaliex kien ra l-advert fuq l-istazzjon, però kkonferma li qatt ma kien ircieva l-invoice li tinsab a fol. 33 minghand il-konvenut. Jiftakar illi bint l-impjegat ta' Andrew Farrugia kien mar ghandu u tah invoice u kien iffirmaha. Kien iffirma li parti mix-xoghol kien se jsir in kontro-kambju ta' barter . Mistoqsi jekk ghandux kopja, qal illi jrid jaghmel il-verifiki tieghu.*

*Illi nhar l-10 ta' Jannar 2011 xehed **Andrew Farrugia** fil-kariga tieghu ta' direttur mas-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Qal li din il-kumpanija kellha business ta' radio u television. Kienu jahdmu t-television station maghruf bhala Family TV u dana kien jopera minn fond gewwa Haz-Zebbug. Ikkonferma li ghan-nom u fl-interess tal-kumpinija Far-Fetched Media Ltd kien qabbad lis-socjeta' attrici sabiex taghmel xi xoghlijiet. Dana kellu jsir f'Haz-Zebbug fil-fond fejn aktar tard kellu jkun hemm it-television station. Andrew Farrugia ddikjara li huwa personalment qatt ma kellu x'jaqsam mas-socjeta' Mediterranean Building Finishes Ltd. Jiftakar li kien mar Keith Camilleri, li kien jafu minn band'ohra, sabiex jara x-xoghol li kellu jsir f'Haz-Zebbug u kien tahom stima.*

*Jghid li qabel kienu jiehdu hsieb stazzjon televisiv iehor maghruf bhala Smash TV u Keith Camilleri kien klijent regolari taghhom f'isem il-kumpanija tieghu Mediterranean Building Finishes Ltd. Kien klijent ta' Far-Fetched Media*

*Ltd ukoll meta kienu ghadhom jiggestixxu Smash TV. Jghid li kien informa lil Keith Camilleri dwar l-post ta' Haz-Zebbug fejn kien qed jahdem u cioe' li kien ser ikun television station.*

*Andrew Farrugia kkonferma li l-ewwel kuntatt li kellu kien ma' Keith Camilleri u kien talbu jmur fuq il-post Haz-Zebbug fejn kien ha jkun hemm it-television station pero' ma kienx qallu li hija ta' Far-Fetched Ltd. Ir-relazzjoni tieghu ma' Keith dejjem kienet bhala Far-Fetched Media Ltd. Tenna li fil-fatt s-socjeta' attrici kellha tithallas ghax-xoghol li kienet qed taghmel ghas-socjeta' konvenuta permezz ta' barter u cioe' xoghol ta' reklamar min-naha taghhom li effettivament u sussegwentament kien sar ukoll.*

*Fil-fatt, persentagg mix-xoghol, mill-flus dovuti kellhom jirrappresentaw xoghol ta' reklamar li kienu inkarigaw ruhhom li jghamlu. Naturalment reklamar fuq l-stazzjon televisiv tas-socjeta' Far-Fetched Media Ltd u mhux minnu personali. Ghalhekk qal li fil-fehma tieghu, is-socjeta' attrici, meta ghamlet ix-xoghol kienet taf li dan kien ghas-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Dwar jekk sarx xi stima bil-miktub qabel beda x-xoghol qal li ma jiftakarx. Jaf pero` li gie prezentat kont finali. Fuq il-kont Dok 'X' a fol. 11 ma jidhirx li hemm socjeta' Far-Fetched Media Ltd indikata pero' ma hemmx isem haddiehor. Il-kont hareg mill-accounts department u ma jiehux hsiebu hu. Mitlub jekk hax hsieb li l-kont johrog taht isem partikolari qal li ma tax kaz u dan ghaliex kien ra il-kelma Family Channel fuq dan id-dokument u ghalhekk haseb li kien ta' Far-Fetched Media Ltd ghaliex dawn kienu one and the same.*

*Mistoqsi jekk ghamilx xi pagamenti akkont ta' dan ix-xoghol, sostna li sa fejn jiftakar, ma ghamilx pagament. Is-sit fejn effettivament sar ix-xoghol ma jippartjeni la lilu u lanqas lis-socjeta' Far-Fetched Media Ltd. Far-Fetched Media Ltd kienet tikri l-fond minghand Modern Image Ltd.* **Andrew Farrugia** *rega' xehed nhar it-30 ta' Marzu 2011 u esebixxa invoice datata disgha (9) ta' Jannar 2009 fl-ammont ta' elfejn tliet mija u sittin ewro (€2,360) mahruga mis-socjetà attrici rigwardanti set-off ta' barter. Il-Family*

*TV kien ghamel transmission f'isem is-socjeta' attrici. Il-Mediterranean Building Finishes Limited kienu sponsors u kienu ghamlu set-off. Dan id-dokument gie mmarkat bhala dokument "F". Is-set off kien sar max-xoghol li ghamlu lill-Family TV. Ix-xoghol li kien sar huwa mertu tal-kawza tal-lum. Esebixxa wkoll licenzji tal-Awtorità tax-Xandir li gew immarkati bhala dokument "G" mahruga f'isem Far-Fetched Media Limited biex topera l-istazzjon Family TV.*

*Rat l-affidavit tal-konvenuta* ***Elizabeth Farrugia*** *mahluf nhar is-27 ta' Frar 2011 (fol. 30) u minn ezami tal-istess jirrizulta li hija, bhala Direttrici tas-socjeta' Far-Fetched Media Limited saret taf bis-socjeta' attrici bhala klijenta taghhom meta bdew jagixxu bhala booking agents taghhom ma Smash TV. Sussegwentement regghet semghet bihom meta irceviet il-kont tax-xoghol li kien qed isir f'Haz-Zebbug ghas-somma ta' elfejn ewro (€2000) oltre VAT skont l-invoice esebita datata 9 ta' Jannar 2008 u mmarkata bhala Dok 'F'. Tikkonferma pero' li hija ma kellha l-ebda kuntatt ma xi rappresentant ta'din is-socjeta` attrici.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta' attrici nhar l-14 ta' Ottubru 2011 (fol. 44) u dik ipprezentata mill-konvenuti nhar l-4 ta' Novembru 2011 (fol. 49) u dan dejjem dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia li huma mhumiex il-legittimi kontradditturi f'dan il-kaz fil-vesti taghhom personali.*

*Ikkunsidrat.*

*Illi din is-sentenza ser tkun limitata ghall-ewwel eccezzjoni dwar jekk il-konvenuti de proprio ghandhomx relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici. Il-konvenuti qed jghidu li apparti li l-konjugi Farrugia de proprio mhumiex il-legittimi kontradditturi tas-socjeta' attrici, l-azzjoni hija wkoll preskritta u x-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici ma kienx skont is-sengha u l-arti, pero' dawn l-eccezzjonijiet l-ohra ser jigu trattati fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

***Konsiderazzjonijiet Legali:***

*Kif gie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '**Korporazzjoni ghas servizzi tal-ilma et vs Emanuel Grixti'** jinghad li "b'relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun ikollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha."*

*Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet '**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et'** deciza nhar l-hamsa (5) t'Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li:-*

*"Biex jigi stabbilit jekk parti in kawza kinetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinetx materjalment parti fin-negozju li, skont l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju*

*u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Ta' importanza ghal din is-sentenza huwa dak li gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-21 ta' Marzu 2002 fl-ismijiet '****Camel Brand Co Ltd vs Debono Michael'**** fejn inghad li:-*

*"Meta negozju jkun gestit minn socjeta` b'responsabbilta` limitata, u ghaldaqstant minn persuna guridika indipendenti, huwa l-obbligu taghha li tindika dan fl-aktar mod car u inekwivoku lit-terzi li jkunu qeghdin jinnegozjaw maghha.*

*Tali indikazzjoni ghandha ssir ukoll fuq l-invoices, statements, etc. relatati ma' akkwisti maghmula minnha. Fin-nuqqas ta' tali indikazzjoni espressa, it-terz ghandu kull dritt jipprezumi li qieghed jinnegozja ma' individwu, u fil-fehma tal-Qorti ma jistax jippretendi mod iehor.*

*Normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f'isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni."*

*Dan l-insenjament huwa wkoll ribadit fis-sentenza fl-ismijiet* ***'Legend Real Estate Limited vs Ron Chetcuti'*** *deciza nhar l-20 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appell fejn inghad li f'kaz bhal dan il-konvenut ghandu definittivament u konvincevolment jipprova mhux biss li l-ftehim sar ghas-socjeta' gestita minnu imma wkoll li fil-mument meta sar tali ftehim s-socjeta' konvenuta kienet konsapevoli tal-fatt illi hu kien qed jagixxi in rappresentanza tas-socjeta' tieghu. Dan hu abbondantament pacifiku fil-gurisprudenza taghna. Fil-fatt irriteniet li:-*

*'Hija haga minn lewn id-dinja li bniedem normalment jikkuntratta ghalih innifsu sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li*

*jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor. Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min jinnegozja mas-socjeta' attrici kellu jirrileva b'mod car u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qieghed jidher f'ismu imma f'isem persuna ohra ben identitfikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun gie sewwa a konoxxenza tas-socjeta' attrici f'dak il-mument ghaliex altrimenti jkun qieghed jassumi personalment ir-responsabbilta` ghan-negozju minnu kontrattat u ghall-obbligi li kien jimporta' – John Vella noe s Anthony Vella et (Appell 3 ta Dicembru 1999). Vide wkoll '***Frank Cilia nomine vs Charles Scicluna***' deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta' April 1992 u '***Anthony Caruana et vs John Magro et'*** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Otubru 1999.*

*Illi ma hemmx dubju li x-xoghol in kwistjoni sar fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta f'proprjeta' Haz-Zebbug liema fond kien ser jintuza bhala studio tat-televixin. Dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici kienet accetat li hija kienet ser tithallas ghal dan ix-xoghol kemm fi flus kif ukoll parti minn dak dovut lilha kien ser jigi pacut permezz ta' barter. Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet taf li hija kienet qed tinnegozja mal-Family TV kif effettivament indirizzat il-kont taghha esebit fl-atti a fol. 11 liema kont huwa datat 5 ta' Marzu 2008. Keith Camilleri sostna li kien jaf li Andrew Farrugia kien fil-kummerc u dan ghaliex kien jaf li kien jopera stazzjon televisiv bl-isem ta' Smash qabel ma effettivament beda jopera il-Famiy TV. Jghid ukoll ex-admissis "li kien jafu bhala l-boss tal-kumpanija". In oltre ghalkemm jghid li ma kienx ra l-invoice esebita u mmarkata bhala Dok 'F' qabel ma xehed il-Qorti, il-Qorti tirrileva li din l-invoice hija datata 9 ta' Jannar 2009 u cioe' qabel ma infethet il-kawza odjerna. Pero' anke jekk in pessima ipotesi huwa minnu li s-socjeta' attrici ma kinitx taf b'dan id-dokument qabel, xorta jibqa' l-fatt li kienet taf li kienet qed taghmel barter ghar-reklamar fuq it-TV u ghalhekk zgur li din kienet kwistjoni ta' business u mhux xi kwistjoni personali tal-konvenuti fil-vesti taghhom personali. In oltre ma jistax jkun li dak li qal Keith Camilleri kien minnu u cioe' li huwa sar jaf bis-socjeta' Far-Fetched Media Limited il-Qorti, ghaliex kieku, s-socjeta' attrici ma*

*kinitx tintavola l-kawza odjerna kontra din l-istess socjeta'. Ghalhekk dan il-fatt ixekkel dak li qal Keith Camilleri meta jghid li d-dokument 'F' rah l-ewwel darba il-Qorti u ma kienx jaf bl-esistenza ta' din is-socjeta' qabel. Keith Camilleri ghalkemm iharrek lis-socjeta' konvenuta ma jghidx kif effettivament sar jaf biha u ghaliex hass il-htiega li jharrikha bhala konvenuta wkoll. Huwa minnu li Andrew Farrugia ma semmielux is-socjeta' konvenuta per se pero' qallu sabiex jiltaqghu fil-fond ta' fejn kien ser jopera l-istazzjon u ghalhekk Camilleri kien jaf ab initio li n-natura tax-xoghol kien wiehed kummercjali u mhux ghall-uzu personali tieghu.*

***Ghaldaqstant, din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti b'dan illi tiddikjara li l-konvenuti konjugi Andrew u Elizabeth Farrugia mhumiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza u ghalhekk tilliberhom personalment mill-osservanza tal-gudizzju u tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni fil-konfront tas-socjeta' Far-Fetched Media Limited."***

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Mediterranean Building Finishes Limited (C 13077) datat 14 ta' Dicembru 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez kemm tal-ewwel istanza u kemm tal-prezenti stanza jkunu a karigu tal-istess appellati u tirrinvija l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex jigi trattat il-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra mressqa.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-1 ta' Marzu 2012.

Rat ir-risposta tal-appellati Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia datata 6 ta' Frar 2012 a fol 14 tal-process fejn sostnew ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti hija gusta u timmerita konferma u ghalhekk l-appell interpost ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellanti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-1 ta’ Marzu 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Alex Schembri ghas-socjeta` appellanti, u Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-appellat Andrew Farrugia prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-15 ta’ Mejju 2012.

Rat il-verbal tas-seduta tallum 15 ta’ Mejju 2012 fejn Andrew Farrugia ta ruhu b’notifikat bir-rikors tal-appell u bl-avviz tas-smigh tal-appell anke ghan-nom tas-socjeta` Far-Fetched Media Limited, u Dr Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-istess socjeta` jiddikjara li jistrieh fuq ir-risposta tal-appell ga ppezentata ghan-nom tal-konjugi Farrugia personalment. Id-difensuri tal-partijiet prezenti qablu li l-Qorti tista` tghaddi ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 23 ta’ Novembru 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-appell odjern jirrizulta li s-socjeta’ appellanti qed tappella mid-decizjoni tat-23 ta’ Novembru 2011 fejn gie ddikjarat li l-konjugi Andrew u Elizabeth Farrugia ma humiex il-legittimi kontraditturi u dan ghaliex l-appellanti qed isostnu li ma jaqblux ma’ dak li inghad mill-Ewwel Qorti li (a) *“ma hemmx dubju li x-xoghol in kwistjoni sar fuq inkarigu tas-socjeta’ konvenuta f’proprjeta’ Haz Zebbug liema fond kien ser jintuza bhala studio tat-television. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni”* u dan ghaliex is-socjeta’ attrici dejjem irreteniet li l-ftehim kien intlahaq ma’ Andrew Farrugia personalment u dan ikkonfermat minn xhieda tal-istess u ta’ Keith Camilleri ghas-socjeta’ appellanti fix-xhieda li t-tnejn taw fl-10 ta’ Jannar 2011 u li ta’ l-ahhar ikkonferma fil-11 ta’ Mejju 2011; (b) l-istess socjeta’ appellanti tkompli tghid li hija saret taf bis-socjeta’ konvenuta biss fl-ahhar meta tlesta

x-xoghol u meta gie biex jidhol fis-sehh il-ftehim ta' tpartit dwar biss parti mill-valur tal-istess xogholijiet li fuqu kienu ftehmu l-partijiet - f'dan il-kuntest is-socjeta' appellanti tghid li ma taqbilx lanqas mal-asserzjoni li saret fl-istess decizjoni li *"In oltre ma jistax jkun li dak li qal Keith Camilleri kien minnu u cioe' li huwa sar jaf bis-socjeta' Far-Fetched Media Limited il-Qorti…."* u dan ghaliex Keith Camilleri qatt ma qal dan, ghaliex huwa qal li sar jaf bis-socjeta' konvenuta biss wara li tlesta x-xoghol u wara li hareg il-kont fuq Farrugia, u dan ghalkemm tali tpartit li kellhu jsir b'reklamar fuq Family TV kien gja rifless anke fil-kont datat 5 ta' Marzu 2008, izda hawn ukoll l-istess socjeta' appellanti ma kienitx taf li qed tagixxi mas-socjeta' konvenuta ghaliex hadd kien ghadu ma semmieha izda kien konxju biss ta' trattativi ma' Andrew Farrugia li kellhu l-istazzjoni Family TV. Sar jaf bis-socjeta' konvenuta meta gie effettwat il-barter fis-sena 2009 ghaliex hemm gie indikat li tali reklamar kien moghti mis-socjeta' Far-Fetched Media Limited; (c) jinghad ukoll li kienet inkorretta l-konkluzzjoni li *"Keith Camilleri ghalkemm iharrek lis-socjeta' konvenuta ma jghidx kif effettivament sar jaf biha u ghaliex hass il-htiega li jharrikha bhala konvenuta wkoll".* Dan ghaliex Kieth Camilleri sar jaf bis-socjeta' meta gie effettwat il-barter, izda dan ma jfissirx li b'daqshekk d-debitur originali gie liberat mill-obbligazzjoni originali. Ovvjament huwa prezunt li persuna qed tikkontratta ghaliha nfisha u jekk tikkontendi mod iehor ghandha ssir prova ta' dan. F'dan il-kuntest l-konvenuti ma ppruvawx li huma kienu kontrattaw ghan-nom tas-socjeta' konvenuta. Il-fatt li inghad fis-sentenza li s-socjeta' attrici kienet taf li qed tinnegozja ma' Family TV, li huwa trade name ma jiffsirx li r-relazzjoni kienet mas-socjeta' konvenuta. Lanqas taqbel ma' dak li nghad li *"xorta jibqa' l-fatt li kienet taf li kienet qed taghmel barter ghar-reklamar fuq it-TV u ghalhekk zgur li din kienet kwistjoni ta' business u mhux xi kwistjoni personali tal-konvenuti fil-vesti taghhom personali"* u dan ghaliex il-fatt li x-xoghol sar fi studio televsiv ma jfissirx li s-socjeta' attrici kienet qed tahdem ghas-socjeta' konvenuta u dan iktar u iktar meta Andrew Farrugia jammetti li huwa s-socjeta' konvenuta ma semmiex *per se.*

Illi kif inghad fis-sentenza **"E.L.V. Engineering Services Limited vs Johan Said"** (A.I.C. (RCP) ma huwiex normali li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-Ewwel Qorti, hlief meta jkun hemm ragunijiet gravi li jwasslu sabiex issir gustizzja bejn il-partijiet jew fejn ikun hemm zball manifest u car, b'mod li d-decizjoni ma tkunx tista' tigi ggustifikata bil-parametri tal-provi prodotti, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti jirrizulta li dan huwa kaz fejn sar zball ta' dan it-tip.

Illi fil-fatt jirrizulta mill-provi prodotti stante li effettivament Andrew Farrugia xehed testwalment fl-10 ta' Jannar 2011 li meta kkomunika ma' Keith Camillieri, rapprezentant tas-socjeta' attrici, u qallu li x-xoghol kellu jsir fi studju ta' Family TV huwa ma semmilux lis-socjeta' konvenuta u jammetti li fuq il-kont datat 5 ta' Marzu 2008 (Dok. "X" – fol. 11) l-isem tas-socjeta' konvenuta ma jidhirx, proprju ghaliex is-socjeta' attrici ma kienitx sa dak il-mument taf biha. Il-konvenut ircieva dan il-kont izda ammetta li ma ghamel l-ebda azzjoni allura sabiex l-istess jigi ndirrizat lis-socjeta' li fil-kawza qed jalega li huwa kontratta ghan-nom taghha – qal biss li la ra Family TV din kienet tfisser jew qed tirreferi ghas-socjeta' konvenuta – argument li certament ma fih l-ebda sostanza, u lanqas logika u ma jreggiex mill-ebda punto di vista la fattwali u wisq inqas legali. Jghid li la darba s-socjeta' konvenuta kienet igesti l-fond de quo mela allura x-xoghol sar ghaliha – izda dan l-argument lanqas huwa wiehed logiku u li jista' jigi accettat – dan iktar u iktar meta l-konvenut jghid li is-sit fejn sar ix-xoghol lanqas jappartjeni lis-socjeta' konvenuta izda hija tikri l-fond minghad is-socjeta' Modern Image Limited, u dan huma allegazzjoni li lanqas iwasslu sabiex jinghad li r-relazzjoni tas-socjeta' attrici kienet mill-bidu mas-socjeta' konvenuta – u dan iktar u iktar in vista tax-xhieda tal-konvenut li timmilita hija stess kontra dan u meta lanqas saret il-prova (anke jekk ghall moment tista' titqies bhala relevanti) li kienet is-socjeta' konvenuta li ggesti l-istess studju – u dan meta l-konvenut kellhu l-oneru ta' prova ta' dak li kien qed jallega u huwa fl-ebda stadju ma ghamel din il-prova.

Illi minn naha tieghu Kieth Camilleri xehed kemm fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2011 u 11 ta' Mejju 2011 li huwa kien gja jaf lill-konvenut personalment u dejjem baqa' jittrata mieghu bhala tali anke jekk ix-xoghol mertu tal-kawza odjerna kien ser issir f'sit li kellhu jintuza bhala TV studio u la meta sari l-ftehim meta tkellem mal-konvenuti u lanqas fix-xahrejn li dam issir ix-xoghol qatt ma ssemmiet is-socjeta' konvenuta izda biss Family TV, Jidher fil-fatt li l-istess socjeta' konvenuta issemmiet l-ewwel darba wara li hareg il-kont datat 5 ta' Marzu 2008 (Dok. "X" – fol. 11) u biss fl-invoice datata 9 ta' Jannar 2009 (Dok. "F" – fol. 33) (li Kieth Camilleri jghid li qatt ma ircieva) - meta gie allura effettwat it-tpartit in parti permezz tar-reklamar li kien ser jithallas bih parti mix-xoghol li ghamlet is-socjeta' attrici permezz ta' servizz ta' reklamar – li rrizulta li tali tpartit kellu jsir jew sar mis-socjeta' konvenuta, izda dan ma jfissirx li b'daqshekk tbiddlet b'xi mod ir-relazzjoni li s-socjeta' attrici kienet ghamlet mal-konvenuti fil-kwalita' personali taghhom, u dan ghaliex il-ftehim originali ma sar ma` hadd hlief mal-konvenuti personalment u ma jistax ikun mod iehor, ghaliex *ex admissis* l-istess konvenuti qatt ma ndikaw li kienu qed jittrattaw ghal haddiehor, inqas u inqas ghas-socjeta' konvenuta li fid-data tal-ftehim u waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol, u wara li hareg il-kont ma ssemietx mill-konvenuti u allura s-socjeta' attrici lanqas biss kienet taf biha. Il-fatt li hlas (f'dan il-kaz tpartit li sehh wara li sar ix-xoghol sar minn terz, f'dan il-kaz il-kumpanija konvenuta), ma jfissirx li d-debitur tbiddel, ghaliex pagament in parte minn terz ma jilliberax lid-debitur mill-obbligazzjoni originali li dahal fiha.

Illi mhux hekk biss izda wara li hareg l-istess kont u gie saldat parti mill-istess permezz ta' barter jinghad li l-konvenut pressat biex ihallas kien jitlob zmien ghall-hlas u xejn izjed. Jghid ukoll li effettivament id-dokument a fol. 33 tal-process fejn tissema s-socjeta' konvenuta.

Illi mela allura fuq dawn il-provi ma jistax jinghad li meta inghad li *"ma hemmx dubju li x-xoghol in kwistjoni sar fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta f'proprjeta' Haz Zebbug liema fond kien ser jintuza bhala studio tat-television. Dwar dan ma hemmx kontestazzjoni"* dan huwa korrett

ghaliex i-tezi unika attrici hija li r-relazzjoni kienet mal-konvenuti personsonalment u mhux ma socjeta' li fil-mument tal-ftehim u sakemm sar ix-xoghol lanqas kienu jafu li tezisti; kif lanqas hija korretta l-asserzjoni *"In oltre ma jistax jkun li dak li qal Keith Camilleri kien minnu u cioe' li huwa sar jaf bis-socjeta' Far-Fetched Media Limited il-Qorti…."* u dan ghaliex il-provi huma fis-sens li s-socjeta' attrici saret taf biss socjeta' konvenuta qabel il-kawza u wara li sehh il-barter; dwar il-frazi *"xorta jibqa' l-fatt li* (is-socjeta' attrici) *kienet taf li kienet qed taghmel barter ghar-reklamar fuq it-TV u ghalhekk zgur li din kienet kwistjoni ta' business u mhux xi kwistjoni personali tal-konvenuti fil-vesti taghhom personali"* dan bl-ebda mod ma jfisser li allura r-relazzjoni ma kienitx mal-konvenuti izda mas-socjeta' konvenuta.

Illi mill-provi jirrizulta li l-ftehim sar mal-konvenuti personalment u ma saritx il-prova li l-konvenuti kienu fil-mument tal-ftehim kienu qed jagixxu ghas-socjeta' konvenuta, tant li huwa pacifiku li f'dan l-istadju ta' konkluzzjoni tal-ftehim din is-socjeta' lanqas biss issemiet u allura l-konvenuti kienu l-boghod li jipprruvaw dak minnhom allegat li huma kienu qed jittrattaw ghan-nom ta' socjeta' u certament l-oneru ta' prova impost fuqhom f'dan ir-rigward lanqas biss ippruvaw b'xi mod u allura ghandhom u qed jigu tenuti li kkuntrattaw f'isimhom **("Mirabel Distributors Limited vs Emanuel Zammit"** (A.I.C. (PS) – 16 ta' Dicembru 2002); anzi tali prova lanqas saret fi grad ta' prima facie **("John Vella nomine vs Anthony sive Mario Anthony Vella et"** – A.C. – 3 ta' Dicembru 1999). Certament li l-konvenut a tempo vergine ma ppruvax li huwa gab a konjizzjoni tas-socjeta' attrici li huwa kien qed jittratta ghan-nom tas-socjeta' konvenuta **("Joseph Chetcuti nomine vs Peter Paul Camilleri"** – A.C. – 4 ta' Dicembru 1988); **"Anthony Caruana et vs John Magro et"** – A.C. – 6 ta' Ottubru 1999); **"Joseph Grech vs Domenico Savio maghruf bhala Saviour Spiteri et"** – A.C. – 25 ta' Mejju 2001.

Illi fis-sentenza citata mill-appellati saret riferenza ghas-sentenza **"Carmel Brand Co. Ltd. vs Michael Debono"** – P.A. (RCP) – 21 ta' Marzu 2002) fejn giet citata d-

decizjoni fl-ismijiet “**Charles O’ Flaherty noe. vs Joseph Micallef**” (Cit Nru 885/85/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-24 ta’ Gunju 1987, fejn inghad *“Illi f’dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut hu obbligat personalment ghall-hlas, peress li ma jirrizultax li fiz-zmien meta kien isir in-negozju in kwistjoni huwa indika lis-socjeta’ attrici li l-hlas ma kellux isir minnu izda minn socjeta’ kummercjali”*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet “**Frank Cilia noe. vs Charles Scicluna**” (Cit Nru 1337/90/JDC), deciza mill-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta’ April 1992, intqal: *“Illi hija haga mill-lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih inniffsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f’isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li jkun qieghed jikkontratta f’isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min jikkontratta ghamel hekk f’isem haddiehor tinkombi fuq min jaghmel l-allegazzjoni … … … Il-Qorti ssaqsi:- Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjeta’ attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjeta’ attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjeta’ tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?”*.

Illi fl-ahharnett il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza fl-ismijiet **“Charles Mizzi et. noe vs Teddie (sive Edward Borg)”** deciza fl-10 ta’ Mejju 1990, qalet illi: *“La darba rrizulta li l-ordni saret mill-konvenut sta ghall-istess konvenut li jipprova li meta ghamel l-ordni ma ghamiliex f’ismu personalment izda ghamilha ghal xi hadd iehor. Jekk din il-prova ma ssirx ghas-sodisfazzjon tal-Qorti ssegwi li l-konvenut ikun tenut responsabbli personalment ghall-konsegwenzi kollh li jiskaturixxu mill-istess ordni li ghamel.”* F’dak il-kaz ukoll fil-kitba kollha li giet skambjata bejn il-kontendenti ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-konvenut kien qieghed jagixxi ghan-nom ta’ *limited liability company*, u ghalhekk il-Qorti ddecidiet li l-konvenut kien personalment responsabbli ghall-hlas.

Illi ma` dan, din il-Qorti thoss li ma ghandiex x'izzid izjed hlief li anke "il-fatti" kif esposti mill-appellati fir-risposta taghhom jikkonferma u jwasslu ghall-konkluzjonijiet hawn raggunti li l-ftehim originali kien dejjem bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti personalment u ghalhekk l-appell qed jigi milqugh id-decizjoni appellata revokata, u minflok qed tigi michuda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ghalhekk l-atti kollha qed jigu rimandati lill-Ewwel Qorti sabiex fid-dawl ta' dak hawn deciz tkompli tisma' l-kaz u tittratta l-mertu fid-dawl tal-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenuti.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-appellati datata 6 ta' Frar 2012 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' l-appell interpost mis-socjeta' appellanti datat 14 ta' Dicembru 2011 biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, u ghalhekk tirrevoka d-decizjoni fl-ismijiet premessi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 23 ta' Novembru 2011 (Rikors Numru 130/2010) fl-ismijiet "Mediterranean Building Finishes Limited vs Andrew u Elizabeth, konjugi Farrugia, f'isimhom proprju u f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta` Far-Fetched Media Limited" b'dan li minflok qed tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti konjugi Andrew u Elizabeth Farrugia u tiddikjara l-istess bhala legittimi kontradittur u ghalhekk tirrinvija u tibghat l-atti lura lill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tigi trattata l-kawza u tigi deciza fil-mertu fid-dawl ta' dak hawn deciz u l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenuti.**

**Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati Andrew u Elizabeth Farrugia proprju.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------